**Il-leħen ta' fuq l-imħadda**

Wara jum xogħol ta' tbatija
Imissni nintasab fil-kwiet,
Biex forsi nagħlaq għajnejja
Ħa ninsa xi ftit mill-inkwiet.

U hekk kif inpoġġi rasi
Fuq dik il-magħrufa mħadda,
U nkun wasalt sew biex norqod
Ħa nqum b'saħħti għal jum t'għada.

Hemm jitlagħli dak il-leħen
Li jħobb jittantani mhux ftit,
Ġieli ma jkollix aptitu
Jagħmel ta' rasu hekk irid.

U jien, min jien jien biex ngħidlu
Ħalli jiskot, ma jdejjaqnix?
Irid ibattal l-istonku
Jgħidli: "Jien ma jimpurtanix".

Ngħid x'ngħid, għid tiegħu għad tgħaddi
Ħalqi nagħlaq, żgur ma ngħid xejn,
Dan mhux leħen dejjem ħelu
Kemm jaf jiġbidhom il-widnejn.

Imma qatt ma qbaddtu f'gidba
Għax f'li jgħidli għandu raġun,
Mhux ta' b'xejn li għadu t'Alla
Jitwerwer minnu, dak tal-qrun.

Għax dal-leħen bla rispetti
Tista' tkun l-aqwa persuna,
l-ebda kariga jew għana
biex ma ngħidx ukoll ras sħuna;

Se twaqqfu milli jkellimha
U jgħidilha li għandu jgħid,
Minn fommu s-sewwa biss toħroġ
Dik li min jaf kemm xtaqt armejt.

Għax dal-leħen ingħatalna
Mill-Missier li hu l-imħabba,
Ħalli f'dawn il-jiem f'dil-ħajja
Nikbru fis-sliem li jittrabba;

Mill-umiltà tant sabiħa
Li tikber meta nitgħallem,

Mill-iżbalji illi nwettaq
U bihom infittex ngħallem.

Dan il-leħen frisk u smewwi
Hekk ħieni u mimli ħelsien,
Tafu miegħu irrid nimxi
Inkella qatt mhu ħa nkun jien.

Għax dal-leħen ifarraġni
U jgħannaqni wisq ma' qalbu,
Jaħfer jaf u jagħti tama
Ġej dirett minn Dak li sallbu.

Jekk int bħalissa f'taħwida
Ittella' u tniżżel xi trid,
Agħti widen għal dal-leħen
Lilu ssib, dan veru ħabib.

Jekk tassew li trid tgħix ħieni
W titfejjaq minn dak li għadda,
Agħti piż ta' dak li jgħidlek
Il-leħen ta' fuq l-imħadda.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.